70

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
26 FEB 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

25 ta' Frar 2021

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

*Nru. ta' l-Applikazzjoni: RG/1861/19*
*Lokazzjoni:* *10, Villa Nova, Triq il-Prinjol, Iklin*
*Proposta:* *To regularise dwelling as built.*
*Ref. Taghna:*
*Ref. Tribunal:*

**Anthony u Josianne Borg**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar u Charles Bonnici Mompalao**

L-Appellanti Anthony u Josianne Borg jesponu bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2019, giet sottomessa din l-applikazzjoni intiza sabiex tirregolarizza il-propjeta' msemmija.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC Regularisation) u ppublikata fis-27 ta' Jannar 2021, l-istess Kummissjoni approvat il-permess kif indikat mill-istess kummissjoni fl-avviz tad-decizjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellanti ihossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottomettu dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).

- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottomettu ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi skond l-Artiklu 4 tal-Avviz Legali 285 tal-2016, il-perit huwa mitlub li jissottometti, flimkien ma' l-applikazzjoni, il-pjanti kollha li juru l-izvilupp fid-dettall, inkluz indikazzjoni cara tat-tip ta' materjali uzati fl-istess zvilupp. Peress li ngibdet l-attenzjoni ta' l-Awtorita' li l-pjanti li gew sottomessi ma' l-applikazzjoni ma kienux tajbin, kif gie kkonfermat mill-istess Awtorita', u peress li ma gewx sottomessi l-pjanti kollha, l-applikazzjoni kellha tigi rrifjutata awtomatikament

1.2 Illi minkejja dan, l-applikant inghata l-opportunita mhux biss biex jissottometti pjanti godda diversi drabi qabel ma ttiehdet id-decizjoni, imma wkoll biex jaghmel alterazzjonijiet fil-propjeta' sabiex igib il-propjeta' u l-pjanti jaqblu flimkien. Dan imur kontra l-ispirtu tal-Artiklu 6 tal-Avviz Legali 285 tal-2016, li jghid li kwalunkwe zvilupp li sar wara l-2016 ma jistax jigi regolarizzat

1.3 Illi l-ahhar *Regularisation Assessement Report* dwar l-applikazzjoni gie sottomess mill-Awtorita' fil-11 ta' Jannar 2021, ossia gurnata qabel is-seduta li matula giet deciza l-applikazzjoni. Filwaqt li l-appellanti, li dakinhar kienu qed joggezzjonaw l-applikazzjoni, ircevew ittra minghand l-Awtorita' li kienet taghtihom sal-21 ta' Jannar 2021 sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom, il-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC Regularisation) injorat dan l-avviz u cahdet lill-appellanti mid-dritt legali taghhom li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlobu li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jvarja id-decizjoni mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg ir-rifjut relattiv, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Ufficjali ta' l-Ippjanar sabiex jixhdu dwar fatti relatati mal-kaz

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**